FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
A.MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 22 TA' GUNJU 2017

Il-Pulizija

Spettur Silvio Magro

vs

Shaun Grima

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat detentur ta' karta tal-identita' 173988m akkuzat talli nhar id-29 ta' Mejju bejn il-11.30am u 5.00pm, gewwa WH Smith (Departures) tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta:

1. ikkommetta serq ta' waist pouch li kien fih flus kontanti liema serq ma jeccedix elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2, 329.37) kif ukoll Visa card, ghad-dannu ta' persuna ta' nazzjonalita minn Singapore, liema serq hu kkwalifikat bil-valur ta' mhux izjed minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2, 329.37) u dan ai termini tal-Artikoli 279 (a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. sab xi haga mobbli li ma tkunx tezor, minghajr ma raddha lill-pussessur taghha ta' qabel, jekk kien maghruf: inkella minghajr dewmien ma ghaddijiex f'idejn il-Pulizija, u dan ai termini tal-Artikolu 564 (1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji mhux opposti;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghat ix-xhieda;

Semghat lill-imputat jammetti l-akkuzi fuq liema insista anka meta l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Fuq skorta ta' din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ssibu u tiddikjarah hati.

Rat l-Artikolu 279 (a) tal-Kap 9, l-Artikolu 564 (1) tal-Kap 16, u l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tiddeciedi: Li tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghall-perjodu ta' tlett snin mill-lum. Kif ukoll ihallas lis-spejjez inkorsi fil-korsi tal-proceduri fl-ammont ta' € 551.06 fi zmien xahar minn meta jigu notifikat.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabilitajiet tieghu skond is-sentenza.

A.M. Trigona
Magistrat